

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud għaliex manifestament inammissibbli sa fejn dan huwa indirizzat kontra l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviż u l-Kultura (EACEA).
- 2) Ir-rikors huwa miċħud parzialment għaliex manifestament inammissibbli u parzialment għaliex manifestament infondat fid-dritt, sa fejn dan huwa indirizzat kontra l-Kummissjoni Ewropea.
- 3) It-talba għal ġħajnejn legali hija miċħuda.
- 4) Rinaldo Pilla huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 6, 9.1.2017.

## Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Novembru 2017 – Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni (Kawża T-391/17 R)

*(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Dritt istituzzjonali — Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej — Protezzjoni tal-minoritajiet nazzjonali u lingwistiċi u tishħiħ tad-diversità kulturali u lingwistika fl-Unjoni — Prinċipju ta’ attribuzzjoni — Talba ta’ sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Assenza ta’ urġenza”)*

(2018/C 013/31)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

### Partijiet

Rikorrenti: Ir-Rumanija (rappreżentanti: R.-H. Radu, C.-M. Florescu, E. Gane u L. Litu, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni (rappreżentanti: H. Krämer u L. Radu Bouyon, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/652 tad-29 ta' Marzu 2017 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta li ġġib l-isem “Minority SafePack — miljun firma għad-diversità fl-Ewropa” (ĠU 2017, L 92, p. 100).

## Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.

## Rikors ippreżzentat fit-8 ta' Settembru 2017 – Activa Minoristas del Popular vs BĊE u SRB

(Kawża T-618/17)

(2018/C 013/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### Partijiet

Rikorrenti: Activa Minoristas del Popular. Asociación para la tutela de los inversores minoristas afectados por la resolución, supervisión y gestión del Banco Popular (Madrid, Spanja) (rappreżentant: C. Arredondo Diaz, avukat)